**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Bezzina)**

**Vs**

**Dejan Vidolich**

Kump numru: 597/2020

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Dejan Vidolich detentur tal-karta tal-identita 0273796(M), gie akkuzat talli ghall-habta tal-12.25hrs fl-24 ta Settembru 2020 fi Triq il-Monsinjur Dandria l-Msida:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ghassan Aboul-Ezz ta' 63 sena;

2. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9;

Il-Qorti hija mitluba li f'kas ta htija jigu applikati l-provedimenti ta l-artikoli 382A u 383 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-qorti hija ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ghassan Aboul-Ezz billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, inter alia, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet sottomissjonijiet dwar is-sanzjoni applikabbli;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew

sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` sanzjoni din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat;
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali ta` l-imputat;
4. Il-fatt, kif rizultanti mill-atti, li l-imputat kien kolpit minn element ta` provokazzjoni morali da parti tal-vittma;
5. Il-fatt li japplika biss l-Artikolu 49 u mhux l-Artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Konkluzjoni**

Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 218, 222(A)(1), 338(dd), 382A, 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Dejan Vidolich, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum **u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

**Ordni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Ghassan Aboul-Ezz** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni

tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Dejan Vidolich** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Dejan Vidolich** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Dejan Vidolich** milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur